

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13077/22

AGRI 492
AGRIORG 98
WTO 179

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kunsill

Suġġett: Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ
- *Skambju ta' fehmiet*

Bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tas-17 u t-18 ta' Ottubru 2022, id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument ta' informazzjoni sabiex jgħin hom fit-tnejn tagħhom għad-diskussjoni tal-punt imsemmi hawn fuq.

Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ

1. L-UE hija attur ewlieni fir-rigward tal-kummerċ fi prodotti agrikoli, u l-Kunsill AGRI/FISH jiddiskuti regolarment is-sitwazzjoni attwali, inkluż is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati kummerċjali bilaterali u multilaterali. Il-kummerċ bħala kwistjoni orizzontali ġie diskuss l-aħħar mill-ministri għall-agrikoltura f'Jannar 2022, u minn dakinhar 'l hawn il-ministri ddiskutew ukoll kwistjonijiet aktar speċifiċi relatati, pereżempju, mad-WTO MC12, il-G20 u l-kummerċ mal-Ukrajna. Din in-nota tiġbor fil-qosor l-iżviluppi reċenti u rilevanti u għandha l-għan li tassisti fit-tħejjija għad-diskussjoni ministerjali.
2. Qabel il-gwerra, **l-Ukrajna kienet waħda mill-akbar esportaturi fid-dinja ta' ħafna prodotti agrikoli**, inkluż iż-żejt tal-ġirasol (50 % tal-esportazzjoni globali), il-qamħirrum u l-qamħ. 90 % tal-esportazzjoni tagħhom tal-ħbub u ż-żrieragħ żejtnin għaddew mill-portijiet tagħhom tal-Baħar l-Iswed. L-aggressjoni u l-imblokk Russi ta' dawn il-portijiet għamlu l-esportazzjoni prattikament impossibbli, bir-riskju li miljuni ta' tunnelli ta' qmuħ jintremew, u wasslu wkoll għan-nuqqas ta' kapacià ta' ħżin għall-ħsad ta' wara. It-twaqqif tal-Korsiji ta' Solidarjetà, flimkien ukoll mal-"Inizjattiva tan-NU tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali", għamel possibbli għall-Ukrajna li tesporta aktar minn 18-il miljun tunnellata ta' qamħ, legumi, żrieragħ żejtnin u prodotti pproċessati Ukreni sal-aħħar ta' Settembru. Iż-żewġ inizjattivi ma jikkompetux, iżda jikkomplementaw lil xulxin, u l-importanza tal-Korsiji ta' Solidarjetà hija mistennija tikber bl-intensifikazzjoni tal-kummerċ bilaterali u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. L-attenzjoni kollha issa qiegħda fuq it-tiġdid tal-inizjattiva tal-Baħar l-Iswed li l-UE tappoġġa bis-sħiħ.

3. Biex tkompli **tappoġġa l-ekonomija tal-Ukrajna u l-produtturi Ukreni** milquta mill-aggressjoni Russa, l-UE introduċiet miżuri li jippermettu liberalizzazzjoni kummerċjali sħiħa temporanja u s-sospensjoni tal-miżuri ta' difiża kummerċjali. Il-miżuri ser ikunu fis-seħħ għal sena, sal-5 ta' Ġunju 2023, u ser jappoġġaw lill-bdiewa Ukreni u lis-settur agroalimentari tal-Ukrajna meta jkunu blukkati rotot oħra tal-esportazzjoni. Xi Stati Membri esprimew tħassib li ż-żieda sussegwenti fl-importazzjoni ta' ċerti prodotti, b'mod partikolari l-laħam u l-bajd tat-tjur, qed ikollha impatt negattiv fuq xi produtturi tal-UE. L-importazzjoni mill-Ukrajna żdiedet wkoll għal prodotti li diġà kienu ħielsa mid-dazju iżda fejn ma jistgħux jibqgħu jiġu esportati lejn pajjiżi oħra minħabba l-embargo kummerċjali u l-għeluq tal-portijiet tal-Baħar l-Iswed. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li żżomm għajnejha fuq is-sitwazzjoni u li tirrapporta lura lill-Kunsill kif rilevanti f'konformità mad-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2022/870.
4. L-effetti kumulattivi u **l-impatt tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs)** ġew studjati, u l-istudju aġġornat tal-JRC, li nbeda fl-2016, dwar l-effetti ekonomiċi kumulattivi tan-negożjati kummerċjali li għaddejjin u li ġejjin dwar is-settur agrikolu tal-UE¹, ġie ppreżentat lill-ministri tal-Kumitat AGRI u diskuss minnhom matul vidjokonferenzi informali f'Jannar u April 2021.
5. Dan is-suġġett huwa relatat mill-qrib mal-kwistjoni ta' kif l-UE **hija affettwata minn** FTAs bejn żewġ pajjiżi terzi li magħhom l-UE għandha FTAs, bħall-ftehimiet ta' kummerċ ħieles bejn ir-Renju Unit u l-Awstralja u bejn ir-Renju Unit u New Zealand. L-Istati Membri esprimew interess fl-impatt li dawn il-ftehimiet jista' jkollhom fuq l-UE. Fuq talba matul laqgħa fil-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura (KSA), il-Kummissjoni impenjat ruħha li tinvestiga jekk tistax titwettaq analiżi aktar profonda tal-impatt ta' tali ftehimiet fuq l-UE.

¹ [Repożitorju tal-Pubblikazzjonijiet tal-JRC - Cumulative economic impact of trade agreements on EU agriculture \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/economy_finance/dbpedia/ontology/TradeAgreement)

6. In-negozjati għal FTA ma' **New Zealand** ġew konklużi fit-30 ta' Ġunju 2022, u jeħtieġ li jiġu ratifikati mill-Kunsill u aċċettati mill-Parlament Ewropew. Dan il-Ftehim johlq standard globali li jinkludi l-impenji dwar l-iżvilupp sostenibbli li jirriżultaw mill-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, dwar il-kooperazzjoni biex jittaffa t-tibdil fil-klima, dwar is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel, dwar it-trattament xieraq tal-annimali. Mhux biss ser jindirizza t-tħassib dwar is-sostenibbiltà fil-kummerċ iżda ser jipprovdi wkoll referenza importanti għall-UE ma' sħab kummerċjali oħra.
7. Il-Ftehim mal-**Mercosur** ġie konkluż fil-livell politiku fl-2019, u r-rieżami legali tat-test għadu għaddej. In-negozjati għal FTA modernizzat mal-**Messiku** diġà ġew konklużi f'Mejju 2018, u n-negozjati għal FTA maċ-**Ċili** ġew iffinalizzati fil-livell tekniku f'Ottubru 2021. Kif imħabbar mill-President von der Leyen fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-14 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ser tavvanza l-ħidma għall-konklużjoni u r-ratifika ta' dawn iż-żewġ FTAs.
8. Għan-negozjati tal-FTA mal-**Indja**, l-ewwel ċiklu sar fi New Delhi bejn is-27 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2022, b'negozjati paralleli dwar il-protezzjoni tal-investiment u l-indikazzjonijiet ġeografiċi (IG). It-tieni ċiklu ta' negozjati tal-FTA bejn l-UE u l-Indja għadu kif sar.
9. In-negozjati mal-**Awstralja** ngħataw impetu ġdid bl-elezzjoni ta' gvern ġdid u l-kuntest politiku dinji. It-13-il ċiklu tan-negozjati tal-FTA bejn l-UE u l-Awstralja huwa ppjanat għal Ottubru 2022.
10. Il-**kummerċ mar-Renju Unit** jidher li attwalment reġa' lura għal-livelli ta' qabel il-Brexit f'termini ta' importazzjoni tal-UE mir-Renju Unit filwaqt li l-esportazzjoni tal-UE lejn ir-Renju Unit żdiedet b'18 % fl-ewwel 6 xhur tal-2022 meta mqabbla mal-livelli tal-2021.
11. Il-Kunsill jinsab fl-istadju finali tiegħu tal-adozzjoni tal-**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami tal-Kummerċ u tas-Sostenibbiltà**².

² ST 13241/22, Abbozz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami tal-Kummerċ u tas-Sostenibbiltà

12. **Fil-livell internazzjonali multilaterali**, id-diskussjoni tibqa' ffukata fuq is-sigurtà tal-ikel bħala riżultat tal-gwerra fl-Ukrajna. Il-ħsad fl-UE fl-2022 huwa kemxejn baxx minħabba kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, iżda s-sigurtà tal-ikel fi ħdan l-Unjoni mhijiex friskju.
13. It-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO (MC12) tat diversi eżiti multilaterali. Id-**Dikjarazzjoni Ministerjali dwar ir-Rispons ta' Emerġenza għan-Nuqqas tas-Sigurtà tal-Ikel** kienet f'waqtha fl-indirizzar tat-tħassib attwali dwar is-sigurtà tal-ikel, billi ssottolinjat l-importanza ta' kummerċ tal-ikel miftuħ u swieq li jiffunzjonaw u appellat lill-Membri biex jevitaw restrizzjonijiet mhux meħtieġa fuq l-esportazzjoni. L-eżitu agrikolu pożittiv l-ieħor kien id-**Deċiżjoni dwar l-eżenzjoni tax-xiri tal-ikel tal-Programm Dinji tal-Ikel għal skopijiet umanitarji mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni**. Din id-deċiżjoni għandha valur kemm sostantiv kif ukoll politiku. Fit-tħejjija għall-Konferenza Ministerjali 13 li jmiss, l-UE ser tkompli timpenja ruħha b'mod kostruttiv ma' Membri oħra tad-WTO sabiex jinżamm il-momentum maħluq mill-MC12. L-agrikoltura ser tkun x'aktarx wieħed mill-fajls ewlenin fl-MC13. Huwa meħtieġ approċċ ġdid fin-negozjati, li minn naħa waħda jċaqlaq is-sħubija lil hinn mid-diskussjonijiet staġnati, u min-naħa l-oħra jintegra kwistjonijiet urġenti relatati mas-sigurtà tal-ikel, il-faqar, il-klima u l-ambjent, u fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, il-produzzjoni sostenibbli. L-UE tara l-mertu wkoll fit-tkomplija tal-ħidma dwar it-titjib tat-trasparenza fl-agrikoltura, b'mod partikolari f'oqsma bħar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-kompetizzjoni fl-esportazzjoni - ta' rilevanza kbira fid-diskussjonijiet attwali dwar is-sigurtà tal-ikel. Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, l-UE ser tkompli tiffoka fuq il-ħtieġa għal riformi ta' appoġġ li jfixxkel il-kummerċ. Fl-24 ta' Ottubru 2022, id-Direttur Ġenerali tad-WTO ser jorganizza sessjoni ta' riflessjoni agrikola fejn ser tiġi indirizzata t-triq 'il quddiem fin-negozjati agrikoli.
14. Kif diskuss fil-Kunsill AGRI/FISH f'Ġunju 2022, **il-Kummissjoni adottat ir-rapport tagħha ta' "reċiproċità"**, mitlub mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew fil-qafas tal-adozzjoni tal-PAK il-ġdid. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni tidentifika tliet oqsma ta' azzjoni: organizzazzjonijiet internazzjonali (b'mod partikolari d-WTO u l-Codex Alimentarius), ftehimiet kummerċjali bilaterali u miżuri awtonomi tal-UE. Hija tinnota li l-UE għandha tuża t-tlieta li huma, kif adatt, biex tippromwovi standards għoljin fir-rigward tal-ambjent u l-benessri tal-annimali.

Kummenti tal-għeluq

15. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, ikun xieraq li l-Kunsill jorganizza diskussjoni dwar id-direzzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-agrikoltura, fil-livell bilaterali u dak multilaterali.
16. Il-ħtieġa li jiġu evitati restrizzjonijiet kummerċjali u li jiġu salvagwardjati s-sostenibbiltà u l-kredenzjali ambjentali tal-agrikoltura tal-UE flimkien mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, u l-importanza ta' prijoritajiet oħra tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-promozzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 u l-prinċipji tal-Ftehim ta' Pariġi, iridu jitqiesu.
